# TRIBUNAL INDUSTRIJAL

# Decizjoni Nru.1610

Kaz Nru: 1811/AC

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Raymond Debono

u

RMF Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Illum il-Hamis 2 ta' Gunju 2005

**Chairman : Is- Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors Numru 1124 ta' l-10 ta' Ottubru 2003 fir-Registru tal-Qorti Superjuri mill-Avv. Aron Mifsud Bonnici f'isem Raymond Debono fejn jghid illi tali tkeccija ma kenitx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi. Talab lit-Tribunal jisma dan il-kaz.

Is-Sur Raymond Debono aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-Avv. Aron Mifsud Bonnici, l-Avv. Marvic DeBarro u s-Sur Andrew Mizzi, Segretarju Taqsima Teknologija, Elettronika u Kumunikazzjoni tal-General Workers Union,.

Ghas-socjeta ntimata RMF Limited, aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta, deher is-Sur Roberto DeBattista, *Head of Break-down Department u Company Secretary* assistit mill-Avv. Ivan Gatt

It-Tribunal zamm tnax il-seduta.

**Dikjarazzjoni tal-kaz**

Illi l-appellant kien impjegat mas-socjeta RMF Limited ghal madwar tmien snin u tliet xhur u kien jahdem bhala '*break-down mechanic'* Ix-xoghol kien li meta klijent tieqaflu l-karozza kien il-persuna li jmur joffri l-ghajnuna tieghu fuq il-karozza billi 'jittowjaw' il-vettura kkoncernata jew jirrangawha *on the spot*.

Illi nhar il-15 ta' Settembru 2003 meta kien hemm maltempata fil-gzejjer Maltin, l-appellant gie msejjah bhall-kollegi l-ohra kollha tieghu sabiex johrog jaghti l-ghajnuna lill-pubbliku f'kaz t'emergenza meta lanqas kien suppost li kien xoghol.

Illi l-*policy* tas-socjeta skond id-Direttur Paul Vella hija li jekk karozza taqbadha minn wara fuq l-*specticles,* trid tuza il '*boggy wheels'* biex tkun *total lift off.*

Illi dakinhar ta' l-incident, l-appellant mar jerfa' l-karozza ta' l-ghamla Peugeot 106 u minhabba il-genn, id-domanda ta' xoghol u l-ilmijiet kbar li hakmu it-triq ta' fejn kien qed jahdem l-appellant gewwa Bugibba, l-appellant refa din il-vettura minghajr il-'boggy wheels'.

Illi dak il-hin stess inzerta kien ghaddej id-Direttur peress li kellu johrog fuq xoghol minhabba d-domanda kbira li kien hemm u ra l-vettura minghajr il-boggy wheels.

Illi l-ghada jigifieri s-16 ta' Settembru 2003 x'hin dahal ghax-xoghol qal lid-Direttur Paul Vella biex jiskuzah talli refa il-karozza minghajr '*boggy wheels'* imma ma kienx f'posizzjoni li jerfa' t-toqol u li ma kinitx l-intenzjoni tieghu illi jonqos minn xi ordni minn tieghu.

Illi a bazi ta' certifikat mediku minhabba *detachment* f'ghajnejh gie ccertifikat li ma jistax iqandel affarijiet aktar minn ghoxrin kilo fil-piz. Illi dan il-fatt huwa wkoll ikkorroborat minn certifikat iehor mahrug mill-Professur ta' l-isptar.

Illi s-socjeta a bazi ta' dawn iz-zewg certifikati ezentat lill-appellant milli jerfa' affarijiet ta' piz aktar minn dak li hu suppost.

Illi d-Direttur Paul Vella minhabba dak li kien gara nhar il-15 ta' Settembru 2003 irreagixxa b'mod arroganti mall-appellant tant illi beda jidghi kif ukoll juza kliem baxx ma' l-appellant fil-prezenza ta' l-impjegati ohra.

Illi d-Direttur Paul Vella hareg barra sabiex jara karozza li kellha il-hsara dak il-hin l-appellant sforz id-dispjacir qawwi li kellu u l-ugieh li beda jhoss f'sidru qallu li '*jekk itini attakk tal-qalb ma tibqax iktar Sur Pawl'.*

Illi d-Direttur irrabja hafna ghal dan u ordna sabiex l-appellant jigi sospiz. Meta l-appellant gie f'tieghu beda jibki u talbu skuza ghal dak li kien gara fil-prezenza tal-klijent tal-Lada Samara.

Is-socjeta tghid illi l-appellant kien impjegat bhala '*Recovery Operator'.* Ghandha procedura ta' kif certu vetturi jigu rmonkati, procedura li ghandha tigi osservata rigorosament mill-*Recovery Operators* kollha.

Illi gara li Paul Vella, Direttur tas-socjeta kien fis-16 ta' Settembru 2003 osserva lill-appellant jaghmel *recovery* ossia rmonk u nduna li l-procedura ma kienetx qed tigi osservata mill-appellant.

Illi l-ghada waqt li Paul Vella kien il-*garage* tas-socjeta gie avvicinat minn l-appellant u beda mill-gdid jargumenta mieghu u insista li l-metodu ta' irmonk li uza fuq il-vettura ma tikkawza ebda hsara lill-vettura. Gie msejjah fl-ufficcju tad-Direttur fil-prezenza ta' Roberto Debattista (*Company Secretary/Head of Break-*

*Down Department)* L-appellant baqa jinsisti li ma kien qed jaghmel xejn hazin. Paul Vella sahaq li la darba is-socjeta harget direttiva u elenkat il-proceduri dwar l-irmonk, id-direttiva kellha tigi osservata mill-impjegati taghha indipendentement jekk ma kienux jaqblu ma' dawn il-metodi ta' irmonk.

Raymond Debono kompla ihaqqaqha ma' Paul Vella b'mod arroganti u addirittura sfidah. Paul Vella iddecida li itih *official warning* kif ukoll izommu personalment responsabbli ghall kull hsara li seta ikkawza lill-vettura.

Raymond Debono qal b'gesti aggressivi u b'ton ta' tgheddid, "jekk jigrili xi haga inti ( rifferibilment ghal Paul Vella) responsabbli u ma jibqghax Paul Vella.
Paul Vella meta ra tali atteggjament tieghu, iddecieda dak il-hin stess li jissospendi lil appellant b'effett immedjat.

**Provi**

Is-Sur Roberto Debattista, *Head of Breakdown Department u Company Secretary,* xehed illi Paul Vella li huwa *Technical Director* tas-socjeta jiehu hsieb xoghlijiet ma affarijiet teknici tas-socjeta. L-appellant bhala *"recovery operator"* jaqa' taht il-Breakdown Department bhala Administration u x-xoghol ta' l-appellant kien jaqa' ukoll taht it-Technical Section, li hu s-Sur Paul Vella. Gara illi fis-16 ta' Settembru 2003 is-Sur Vella lemah lill-appellant jigbed karozza mhux bil-proceduri kif mitlub mis-socjeta. Qal illi s-Sur Paul Vella kien qallu dakinhar li jixtieq jigbed l-attenzjoni ta' l-appellant ghal dak li ra ghax rega ghal darba ohra kiser il-procedura. L-appellant kien diga kellu *warning* ufficjali mis-socjeta, barra milli ghal diversi drabi kellu anki *warnings* verbali. Il-*warning* ufficjali igib id-data ta' 4 ta' Dicembru 2001, qal illi ilhom jiggieldu ma' l-appellant minn dan il-*warning* u jinsistu fuq il-procedura dwar kif ghandhom jigu ittowwjati certu vetturi. Qal illi s-Sur Paul Vella cempillu biex imur fl-ufficcju fejn kien hemm ukoll l-appellant ghax kien diga kellhom argument fil-*garage* u Paul Vella ma riedx li jsiru certi affarijiet quddiem il-klijenti.

Is-Sur Paul Vella staqsa lill-appellant jekk jafx li ghamel hazin li ttowwja b'dik il-manjiera, li mhix kif tmur il-procedura tas-socjeta, u l-appellant qal, “billi nittowwja hekk, ma ssirx hsara lill-vettura” u qallu “jien mekkanik daqshekk u bhalek u ghandi u ngiblek certifikati jekk trid minn inginiera, li hsara ma ssirx fil-vettura, anki jekk tigi rmonkata b'dak il-mod” Ix-xhud qal illi s-Sur Vella qal lill-appellant illi hu ghajjattlu biex ikellmu biss izda qallu illi bl-attitudni hazina tieghek ha tispicca tlaqqat *warning*. L-appellant ma accettax baqa' jilmenta u jiggieled fuq il-kaz. Is-Sur Paul Vella hassu offendut u qallu, int suspendut minn issa.

Is-Sur Paul Vella, *Direttur tekniku,* xehed kif inhi l-procedura tax-xoghol tal-irmonkar tal-vetturi li normalment minn zmien ghal zmien dejjem izzidhom u dejjem timmeljora fihom wara meetings li kien ikollhom u kullhadd kien ikun jaf il-proceduri li ghandu jaghmel. Qal li kien ghaddej bix-xoghol bhalhom, ra lill-appellant kif kien qed igorr vettura. L'ghada iltaqa ma' l-appellant u wara li kellmu fuq il-kaz l-appellant qallu, ”ma kontx qed naghmel hsara”; is-Sur Vella zied jghidlu illi kien qed jaghmel hsara u rrelevanti, il-proceduri tas-socjeta iridu jkunu osservati. L-appellant fil-pront qallu, ”inti ma tifhimx”. Ix-xhud qal illi meta rah b'dik l-attitudni qallu suq ghal-ufficcju u komplew hemmhekk. Mistoqsi mid-difensur tas-socjeta kif jiddeskrivi l-atteggjament ta' l-appellant fil-konfront ta' min hu fuqu, qal illi hu personalment ma jmexxihx ghax jaqa' taht is-Sur Roberto Debattista. Ix-xhud qal, ”ma nistax nikkummenta, ma nistax nghid li kellu xi atteggjament hazin mieghi, pikuz iva, imma ma kellux atteggjament hazin mieghi”.

Is-Sur Andrew Mizzi, *Segretarju, General Workers Union,* xehed illi hu kien imsejjah biex jassisti lill-appellant fil-kwistjoni li kellu mas-socjeta RMF Ltd.

Il-kuntistabbli Noel Buhagiar xehed illi fis-17 ta' Settembru 2003, kmieni wara nofsinhar bhala abbonat ghadda is-socjeta biex jghatuh xi ghajnuna teknika fil-vettura tieghu. Waqt li s-Sur Pawl Vella kien qed jara x'ghandha l-vettura tieghu

beda jghid lill-appellant biex jghati *handover* tat-*truck*. L-appellant qallu inti ma tifhimx u s-Sur Pawl qallu mela imxi mieghi l-ufficcju ha nkellmek hemmhekk. Kif hargu mill-uffficcju s-Sur Pawl baqa' gej fuq il-vettura tieghu. L-appellant qal lis-Sur Pawl Vella li qed ihoss ugieh f'sidru qallu, "*jekk itini xi attakk tal-qalb inti ma tibqax aktar Pawlu Vella"* Qalhielu ghal darbtejn, imbaghad Pawlu qallu, jekk itik attakk tal-qalb, incemplu ghall-ambulanza, u niehduk l-isptar. Qallu ghoqod hemm u stenna taxi halli lanqas issuq inti u inwassluk ahna d-dar.

Ix-xhud qal illi l-appellant kien naqra agitat. Meta kellem lis-Sur Pawl kelmu bir-rabja, qisu qed jehhdu. Dak il-hin jien kont bl-uniformi, hadd minnhom ma talabni l-ghajnuna. Lill-appellant ghidtlu biex ma jkellimhomx u lis-Sur Pawl ghidtlu jekk trid mur ghamel rapport l-Ghassa.

L-appellant fix-xhieda tieghu qal illi fil-15 ta' Settembru 2003 cempillu fil-ghodu is-Sur Debattista ghax dik il-gurnata kien hawn disastru, t-toroq kollha mgharrqin bl-ilma, hareg jghinhom u ghamlu gurnata shiha sal-10 ta' bil-lejl. Qal illi hu kien ghamel operazzjoni f'ghajnejh u oggetti tqal ma jistax iqandel. Dan jaf bih is-Sur Debattista, is-Sur Pawl u jaf ukoll is-Sur Rausi, tant illi ghandhom cerifikat. Wara nofs in-nhar kellu Peugeot 106 hamra li kellu l-brejkijiet illokjati wara, u l-vettura qabadha u illokjalha l-i*steering* b'mod safe u responsabbli ta' mekkanik kwolifikat li hu. Qal li s-Sur Paul Vella kien hareg ordni illi l-ebda vettura ma tigi ittowjata minn wara minghajr il-boggy wheels. Meta tkellem mas-Sur Vella qallu li hu mhux ma riedx jaghmilhom il-boggy wheels ghax kiesah imma ghax ma jistax iqandel. Is-socjeta taf bil-kundizzjoni tieghu u taf ukoll li ma kienetx issir hsara. Ix-xhud qal ukoll illi kif dahlu fil-*garage* s-Sur Pawl Vella beda jghajjat u jidghi mieghu. Marru fl-ufficcju, is-Sur Pawl qallu inti trid taghmel ta' rasek u hu rrisponda illi mhux irid jaghmel ta' rasu imma ma jistax. Is-Sur Pawl qallu ma jinteressanix, kullhadd irid iqandel, dik problema tieghek. Waqt li kien qed jahsel it-*truck* mugugh u jzomm sidru bl-ugieh, dak il-hin qal lis-Sur Pawl Vella, jekk itini attakk tal-qalb ma nirrikonoxxikx bhala Sur Pawl. Is-Sur Pawl qallu li qed jgheddu.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellant beda jahdem mas-socjeta appellata fl-Lulju 1995 u tkecca fis-16 ta' Settembru 2003, ix-xoghol tieghu kien ta' *Recovery Operator.* Il-kaz jirrizulta li mbeda fis-16 ta' Settembru 2003 meta kien qed jirmonka vettura tal-ghamla Peugeot 106 Hamra. Dakinhar tal-kaz kienet gurnata ta' maltempata kbira tant illi kienu bosta toroq ma' Malta li kienu mimlija bl-ilma tax-xita. Is-socjeta appellata kienet b'konsegwenza ta' din il-maltempata mghobbija b'volum tremend ta' xoghol ta' ghajnuna minhabba li numru ta' vetturi sfaw maqbudin bil-maltemp.

Is-Sur Paul Vella, *Direttur* tas-socjeta appellata, dik il-gurnata hareg hu wkoll jghati s-servizz tieghu lill-klijenti tas-socjeta. Waqt li kien ghaddej bix-xoghol tieghu lemah lill-appellant jirmonka vettura kontra r-regoli stabbiliti tas-socjeta. Appena lemah lill-appellant f'din is-sitwazzjoni ghamel kuntatt dirett mal-ufficcju tas-socjeta sabiex jiehdu d-dettalji kollha ta' dik il-bicca xoghol li kien qed jaghmel l-appellant dak il-hin. Appena s-Sur Paul Vella dahal l-ufficcju qal lis-Sur Roberto Debattista b'dak li ra l-appellant jaghmel u qallu li jrid ikellmu appena jidhol il-*garage* halli jigbidlu l-attenzjoni talli ma kienx qed jopera l-irmunkar tal-vettura skond kif mitlub mill-proceduri stabbiliti tas-socjeta.

Appena l-appellant dahal fil-*garage* is-Sur Paul Vella staqsieh jekk jafx li ghamel hazin li ttowwja l-vettura b'din il-manjiera, liema manjiera mhux kif titlob il-procedura tas-socjeta. L-appellant irrisponda, "billi nittowwja hekk ma ssirx hsara lill-vettura. Jien mekkanik daqshekk u bhalek u ghandi u ngiblek certifikati jekk trid minn ingeniera li hsara ma ssirx fil-vettura, anke jekk tigi rmonkata b'dak il-mod"

Is-Socjeta tifhem illi l-ordnijiet kollha li tghati dwar is-sistema tax-xoghol ghandhom jigu obduti u osservati strettament. Id-direzzjoni tas-socjeta minnaha taghha ghandha doveri u rbit sahansitra anke b'kuntratti mal-klijenti taghha dwar il-metodi li ghandhom jigu applikati waqt l-operazzjoni ta' l-irmunkar.

L-appellant ilu aktar minn tmin snin fl-impieg tas-socjeta, l-ilmenti li ngiebu kontra tieghu kienu dwar il-karattru tieghu illi hu aggressiv u li hu dejjem ghandu ragun kontra dak li tkun trid twettaq is-socjeta fix-xoghol taghha. Ghandu jigi miftiehem sewwa illi l-impiegat ma ghandu qatt imur kontra xi direttiva mekkanika jew xorta ohra li tigi mposta mis-socjeta sa kemm tali direttiva ma tkunx kontra l-ligi.

L-appellant qal ukoll illi ma jistghax iqandel certu pizijiet minhabba ghajnejh peress illi kien anki gie operat, hemm ukoll certifikat minn tabib mediku. Is-socjeta kienet tghamel dak li kien ikun possibbli fic-cirkustanzi illi tevitah minn certu xoghol izda hu fatt ukoll illi ma hux possibbli illi jkun evitat totalment meta jigi kkunsidrat il-limitu tad-daqs tas-socjeta.

l-Tribunal jara illi dan il-kaz kiber u wasal sa l-istat ta' tkeccija primarjament minhabba l-karattru ta' l-appellant, karattru li hu ta' natura goffa. Impjegat li jkun ilu numru ta' snin fl-impieg, fil-kaz ta' l-appellant aktar minn tmin snin, wiehed jinnota illi tali karattru ftit jew wisq ikun indara. Kultant il-karattru jkun fil-fatt differenti mill-ghemil, dak li jghidulu, "nhar tat-tiben"

Dan il-kaz iggenera ruhu aktar milli kien hemm bzonn ghax skond dak li xehed is-Sur Roberto Debattista, il-hsieb tas-Sur Paul Vella originarjament kien illi iwissieh ghal dak li ghamel dakinhar li kien qed jirmonka il-vettura Peugeot 106, meta ma ghamilx uzu mill-*boggy wheels* li hu kontra l-procedura tas-socjeta. Kienu l-argumenti li nqalghu minn naha ta' l-appellant li biddlu dak li kien previst li jsir. Kien ghalhekk mehtieg li jigi ezaminat jekk it-tkeccija kienetx regolari fic-cirkustanzi. Il-hsieb originali tas-Sur Paul Vella kien li jigbidlu l-attenzjoni talli rah qed jirmonka vettura mhux kif mitlub mill-proceduri tas-socjeta. L-appellant bl-agir tieghu kif jirrizulta mill-provi illi minn semplici twissija kif kien originarjament mahsub waslu f'stat ta' kliem goff, aggressiv u ta' theddid minn naha ta' l-appellant lejn il-kap tieghu u wkoll bil-kap tieghu jghajjat u jidghi mieghu.

L-appellant seta' sab hin u mezz biex isib opportunita li jesprimi l-veduti tieghu dwar il-metodu ta' kif isir certu rmunkar ta' vetturi. Jidher illi hu kien aktar inklinat li jopera x-xoghol kif jifhem huwa u jiskarta dawk is-sistemi u regolamenti li trid is-socjeta. Fix-xhieda tieghu l-appellant qal, "li l-vettura Peugeot 106 Hamra qabaddha u illokkjalha l-isteering b'mod safe u responsabbli ta' mekkanik kwalifikat li hu"

Ma hux kkunsidrat sewwa li mpjegat anke jekk hu kwallifikat, jonqos milli josserva strettament dak kollu li tobliga s-socjeta. Nuqqasijiet ta' din ix-xorta igibu anzi joholqu nkwiet industriljali li facilment seta' jigi evitat bi ftit attenzjoni f'lokha u korretta.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esibiti, sema u ra x-xhieda prodotta u t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltija.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---

**(ft) Alphonse Caruana**
**Chairman**

VERA KOPJA

---

**Monica Seychell**

**A/Segretarja**